Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 514/16/1

**Nutar Dr Joseph H Saydon**

**vs**

**Georgina Calleja Farrugia**

18 ta' Ġunju 2018.

1. **Il-kawża titratta dwar talba għar-rifużjoni tas-somma ta' €1,377.14 li l-attur isostni li ħallas bi żball lill-konvenuta.**

2. Fl-Avviż tal-11 ta' Novembru 2016 ippreżentat quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, l-attur ippremetta illi in segwitu għal-likwidazzjoni u tqassim tal-wirt tal-mejjet Matteo Calleja, li tiegħu il-konvenuta hija eredi flimkien ma' oħrajn, huwa ħallasha €1,377.14 żejda, u dan għaliex bi żball ħallasha s-somma ta' €11,705.60 minflok is-somma ta' €10,328.46. Sostna li huwa nduna b'tali żball fl-2015. Talab għalhekk lit-Tribunal sabiex jordnalha tirrifondilu tali ammont.

3. Fir-Risposta tagħha tas-7 ta' Diċembru 2016 il-konvenuta wieġbet biex tgħid illi l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1027 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Permezz tas-sentenza tat-28 ta' Lulju 2017 it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikkunsidra u ddeċieda s-segwenti:

> "Illi l-azzjoni odjerna hija dik maghrufa bhala 'indebiti solutio' u cioe` konsistenti f'talba ghar-rifuzjoni ta' pagament li jkun sar bi zball.
>
> Illi f'dan ir-rigward l-art. 1021 tal-Kodici Civili jipprovdi espressament illi:

*"Kull minn jircievi, sew xjentement jew bi zball, haga li hu ma kellux jiehu la taht obbligazzjoni civili lanqas naturali, ghandu jroddha lil dak li min ghandu jkun irciviha bla jedd."*

Illi fir-rigward tal-elementi ta' din l-azzjoni jinsab deciz li:

*"L-estremi mehtiega mil-ligi u mid-duttrina ghall-azzjoni ta` indebiti solutio huma tlieta u cjoe:- (a) il-pagament; (b) id-difett ta' kawza, ezempju mankanza jew inezistenza tad-debitu ("indebitus ex re") jew mankanza talkwalita' ta' kreditur fl-"accipiens" jew ta' dik tad-debitur fis-solvens ("indebitus ex personis") u (c) l-errur fl-accipiens jew fis-solvens." (Korporazzjoni Enemalta v. Renato Sacco deciza mill-Onor. Qorti talAppell (Sede Inferjuri).*

Illi fil-kaz in ezami l-attur fil-kawza odjerna qieghed jitlob ir-rifuzjoni tas-somma ta' elf, tlett mija u sebgha u sebghin euro u erbatax-il centezmi (€1377.14) indebitament imhallsa minnu lill-intimata u dana wara li, skont hu, intebah bi zball fil-kalkoli effetwati minnu sabiex jiddetermina s-sehem spettanti lill-eredi tad-decuius Matteo Calleja, fosthom ilkonvenuta odjerna. Ghal tali talba l-konvenuta tillimita ruhha billi teccepixxi tr-trapass tas-sentejn a tenur tal-Art. 1027 tal-Kodici Civili. Hija tikkontendi tramite x-xhieda taghha u dik ta' ohtha Francesca Saveria Mifsud li n-Nutar attur kien gie rez a konjizzjoni tal-izball fil-kalkoli tieghu ferm qabel is-sena 2015 indikata minnu u dana ghall-habta tassena 2011 (xhieda moghtija minn Mifsud in ezami waqt is-seduta tal-20 ta' Frar, 2017 a fol. 11 tal-process) meta l-istess Mifsud kienet qed tikkomunika man-Nutar sabiex dan johrog mill-gdid cekk f'isem l-eredi John Lewis Calleja.

Illi wara li ra l-provi kollha prodotti f'dan il-kaz it-Tribunal isib li, minghajr ebda ombra ta' dubbju, m'huwiex minnu li l-azzjoni hija perenta bit-trapass tas-sentejn a tenur tal-art. 1027 tal-Kodici Civili kif allegat mill-intimata u dana minhabba s-segwenti ragunijiet:

A. Mill-aspett prettament fattwali jigi nutat illi x-xhieda ta' Francesca Saveria Mifsud f'dan ir-rigward ma kenitx wahda cara u univoka. Jibda sabiex jinghad li f'dawn il-proceduri stess l-istess Mifsud filwaqt li f'hin minnhom stqarret li "*mistoqsija mit-Tribunal jekk l-ammont kienx iktar jew inqas nghid li ma nistax nghid x'kellu z-ziju u ghalhekk ma nistax niddetermina jekk l-ammont tieghi kienx iktar jew inqas*" ftit wara stqarret li "*f'dan l-istess zmien jiena kont gbidt l-attenzjoni ta' dan l-izball li jiena nnuttajt anke lill-huti pero` dawn kellhom jiehdu hsieb huma stess sabiex jaraw l-affarijiet taghhom*". Wiehed jistaqsi gustament liema zball seta' jigi determinat minn Mifsud jekk din tghid li ma tafx f'xiex kienet tikkonsisti l-eredita` shiha ta' zijuwha? Certament li ma setghetx hi wehidha tiddetermina l-izball tan-Nutar mertu tal-kawza odjerna fin-nuqqas ta' tali informazzjoni, tant illi lanqas meta mistoqsija mit-Tribunal ma setghet tghid jekk l-izball kienx wiehed li jmur favur jew kontra taghha. Aktar minn hekk, jirrizulta car mix-xhieda tal-istess Mifsud moghtija fi proceduri ohrajn intentati wkoll mill-istess attur odjern firrigward tal-istess eredita` quddiem dan it-Tribunal kif diversament presjedut, li "*mistoqsi mit-Tribunal jekk jien lin-Nutar ghidtlux car u tond li kien hareg flus aktar milli kellu johrog u nghid li le m'ghidtlux preciz dak id-diskors pero` ghidtlu li kien hemm diskrepanza bejn l-ammont li kellu johrog u l-ammont li hareg*" L-intimata stess ghazlet li tistrieh fuq din l-ahhar xhieda mressqa kif verbalizzat fisseduta tat-13 ta' Lulju, 2017. Ghaldaqstant it-

Tribunal isib li, sa fejn l-intimata qed tipprova tistrieh fuq ix-xhieda ta' Mifsud sabiex tissostanzja l-allegazzjoni taghha li n-Nutar kien jaf (jew seta' kien jaf) bl-izball minnu kommess fis-sena 2011, certament illi x-xhieda moghtija mill-imsemmija Mifsud kemm f'dawn ilproceduri kif ukoll f'dawk pendenti quddiem dan l-istess Tribunal kif diversament presjedut ma jaghtux il-konfort mehtieg sabiex jigi soddisfatt dak provdut taht lart. 1027 tal-Kap. 16 u cioe` li l-attur kixef l-izball minnu kommess ghall-habta tas-sena 2011. Bil-kontra ta' dan, it-Tribunal isibha difficli li jifhem kif setghet titqajjem din il-kwistjoni meta skont l-istess xhud hija ma kenitx sa dak l-istadju ghada taf f'xiex kienet tikkonsisti l-eredita` tad-decuius Calleja. It-Tribunal isibha difficli jifhem ukoll kif, kieku stess tqajjem dan il-punt, l-ebda wiehed u wahda mill-eredi ma kompla jindaga dwar l-izball kommess imma minflok kompla jigi percepit cekk iehor (dak f'isem John Lewis Calleja) apparentement a bazi tal-istess zball. Lanqas jista' jigi spjegat kif, snin wara, Emanuel Calleja kien ghadu qed jallega li l-attur odjern kien wettaq frodi fil-konfront tieghu (ara f'dan is-sens email datata 23 ta' Lulju, 2015 ezebita a fol. 48 tal-process) meta suppost – skont l-intimata odjerna – f'dak l-istadju l-ahwa kienu jafu bl-izball li sar favur taghhom u l-attur ukoll kien intebah bl-izball minnu kommess. Dan kollu jhalli lit-Tribunal minghajr ebda ghazla hlief li jikkonkludi li, kif allegat mill-attur, huwa gie rez konoxxenti tal-izball meta – wara allegazzjoni ta' frodi imressqa fil-konfront tieghu minn Emanuel Calleja (skont l-email tieghu datata 23 ta' Lulju, 2015) huwa rega' fetah il-file u wettaq il-kalkoli mehtiega sabiex intebah li effettivament kien hemm zball imma dan l-izball kien imur favur l–eredi.

B. Illi ghal kull bwon fini jinghad ukoll li anke mill-aspett prettament legali m'huwiex sufficjenti ghas-success tal-eccezzjoni imressqa mill-intimata li jigi pruvat biss li l-attur seta' sar jaf bl-izball minnu kommess. F'dan ir-rigward jinsab deciz li:

> *"is-socjeta` appellanti tikkontendi illi l-azzjoni minnha proposta ma kienetx preskritta ghaliex hi intavolatha fiz-zmien is-sentejn "minn dak in-nhar illi dak li tmiss l-azzjoni jikxef l-izball". Tkompli tissottometti illi hi ressqet il-prova debita taz-zmien meta sar minnha maghruf l-izball, u din il-prova ma gietx ribattuta mill-kontroparti. Ghal dan is-socjeta` konvenuta appellata tressaq fir-risposta ta' l-appell taghha il-kontroargument illi l-perijodu ta' sentejn jibda jiddekorri minn meta l-attur kellu l-kapacita li jsir jaf bl-izball. Dan, hi tispjegah fis-sens illi l-mument kien dak stess tal-pagament erroneju u mhux minn dak li fih terz estraneju ntebah b'dak l-izball u attira l-attenzjoni tas-socjeta` attrici ghalih. B'din ilkontestazzjoni s-socjeta` konvenuta appellata donnha trid tfisser illi d-dekorriment tas-sentejn kellu jibda jghaddi mill-jum li fih is-socjeta` attrici, u mhux haddiehor, setghet indunat u skopriet lizball. Ghal din il-proposizzjoni l-Qorti jidhrilha li ghandha twiegeb sew il-konsiderazzjoni statwita mill-Qorti ta' l-Appell, sede Kummercjali, tat-3 ta' Frar, 1958 in re: "Edward V. Spiteri –vs- Francis A. Falzon". In referenza ghall-ahhar parti ta' l-Artikolu 1027, fiha nghad illi "dan ma jhalli ebda dubju ta' interpretazzjoni, ghax li kieku l-legislatur ried ifisser dak li jippretendi l-appellanti (fil-kaz in ispecje, is-socjeta` appellata), kien jghidu espressament, kif ghamel fil-kaz tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni redibitorja u ta' lazzjoni estimatorja fejn fl-Artikolu 1481 (2) [illum Artikolu 1431*

*(2)] tal-Kodici Civili, jiddisponi illi , 'jekk ma setax ikun li xxerrej jikxef id-difett li ma jidherx tal-haga, iz-zmenijiet ... tal-preskrizzjoni ma jibdewx jghaddu hlief minn dakinhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.' Il-lokuzzjoni differenti ta' dawn iz-zewg disposizzjonijiet tal-Kodici juru car li dawn ma jistghux jittiehdu u jinftehmu f'sens wiehed". Bhal f'dak il-kaz, anke l-interpretazzjoni li tittanta toffri s-socjeta` konvenuta mhix sostenibbli. (<u>Camel Brand Company Limited v. Worldwide Import and Export Company Limited</u> deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) datata 22 ta' Mejju, 2009).*

Illi t-Tribunal ma jistax ma jaqbilx ma' dak deciz hawn fuq proprju in vista tad-dicitura cara utilizzata mil-ligi f'dan ir-rigward proprju kif nutat mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-decizjoni hawn fuq citata. Ghaldaqstant lil hinn mix-xhieda al kwantu kontradittorja moghtija minn Mifsud kif hawn fuq riportata, lanqas setghet tali xhieda isservi ta' sostenn ghat-tezi tal-intimata u dana ghaliex, oltre s-semplici diskrepanza dak li kellu jsehh sabiex jibda jiskatta t-terminu ta' sentejn indikat taht l-art. 1027 Tal-Kodici Civili m'huwiex illi l-persuna li jkun wettaq il-hlas ikun fil-possibilita` li jintebah bl-izball minnu kommess imma li effettivament is-solvens (l-attur f'dawn il-proceduri) jintebah b'tali zball.

It-Tribunal ghaldaqstant isib illi, mill-provi migbura, jirrizulta li l-attur intebah bl-izball minnu kommess proprju lejn l-ahhar ta' Lulju, 2015 meta, kif mistqarr minnu, pressat minn Emanuel Calleja b'theddida cara ta' proceduri ta' frodi filkonfront tieghu, huwa rega' hareg il-'file', wettaq il-kalkoli mehtiega u ntebah bl-izball.

In vista tas-surreferit it-Tribunal m'ghandux ghazla hlief li jichad l-eccezzjoni tal-intimata u jghaddi sabiex jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba mid-data tal-interpellazzjoni ghar-rifuzjoni permezz tal-ittra ufficjali numru 13/2016.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjoni mressqa mill-intimata, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-istess intimata thallas lill-attur is-somma mitluba ta' elf, tlett mija u sebgha u sebghin euro u erbatax-il centezmi (€1377.14) rapprezentanti hlas zejjed li sar bi zball mill-attur lill-konvenuta bl-imghaxijiet mid-9 ta' Jannar, 2016 (data ta' notifika lill-intimata tal-ittra ufficjali 13/2016) u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-procedura odjerna u tal-ittra ufficjali numru 13/16 kontra l-istess intimata."

5. Fit-<u>14 ta' Awwissu 2017</u>, il-konvenuta ppreżentat rikors quddiem din il-qorti fejn appellat minn tali sentenza. Hija talbet li tiġi revokata d-deċiżjoni tat-Tribunal, tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tagħha (li l-azzjoni hija preskritta) u konsegwentement tiġi miċħuda t-talba tal-attur. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attur.

6. **L-aggravju** tagħha huwa illi t-Tribunal żbalja meta qies li l-attur appellat intebaħ bl-iżball lejn l-aħħar tal-2015 u sussegwentement qies dan iż-żmien bħala l-*punctum temporis* rilevanti għall-finijiet tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn. Taċċenna għall-fatt li kien proprju fl-2011 li hija kienet infurmat lill-attur illi kien hemm diskrepanza bejn l-ammont li suppost kellu jitqassam u dak li fil-fatt tqassam, u targumenta illi f' dak iż-żmien kieku eżamina d-dokumenti li diġa' kellu quddiemu seta' faċilment induna bl-iżball. Issostni pero`li minkejja li ġie infurmat ripetutament, huwa ma riedx jisma' u kien biss meta kien tard wisq għalih illi talab lura l-ħlas żejjed li għamel u ħa d-debiti miżuri biex jottjeni lura tali ħlas. Tenfasizza li għalkemm l-attur qed jgħid li huwa intebaħ bl-iżball fl-2015, ma kellux bżonn ta' dokumenti ġodda biex induna b'tali żball.

7. Fl-<u>20 ta' Frar 2018</u> l-attur wieġeb biex jgħid li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma. Huwa ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn l-appell odjern għandu jiġi miċħud.

8. Fis-seduta tal-<u>4 ta' Mejju 2018</u> din il-qorti semgħet lid-difensuri tal-partijiet.

**<u>Verżjoni tal-konvenuta:</u>**

*<u>Francesca Saveria Mifsud u x-xiehda tagħha fil-kawżi:</u>*

*<u>•513/16/CZ: Nutar Dr JH Saydon vs Francesca Saveria Mifsud</u>*
*<u>•514/16/PM: Nutar Dr JH Saydon vs Giorgina Calleja Farrugia u</u>*
*<u>•515/16/PA: Nutar Dr JH Saydon vs John Lewis Calleja</u>*

9. Jiġi spjegat li Francesca Saveria Mifsud (oħt il-konvenuta odjerna) hija xhud importanti għall-finijiet tal-kwistjoni dwar il-preskrizzjoni.

10. Hija mhux biss xehdet fil-kawża tal-lum iżda wkoll fil-kawża 513/16/CZ "*<u>Nutar Dr Joseph Henry Saydon vs Francesca Saveria sive Frances Mifsud</u>*" (li fiha hija stess kienet konvenuta) u fil-kawża 515/16/PA

"_Nutar Dr Joseph Henry Saydon vs John Lewis Calleja_", it-tnejn identiċi għal din odjerna. Kopji tax-xiehda tagħha fl-imsemmija kawżi ġew esebiti f'din odjerna u din il-qorti sejra tagħmel ampja riferenza għalihom.

*(a) Xiehda ta' Francesca Saveria Mifsud fil-kawża 513/16/CZ*

11. Fl-affidavit tagħha (maħluf fit-23 ta' Marzu 2017)[1] xehdet li hi, ħutha u xi kuġini tagħhom huma werrieta ta' zijuhom Matteo Calleja li miet f' Marzu tas-sena 2010. It-testment[2] tiegħu kien sar fl-atti tan-nutar Dr Joseph Henry Saydon, li huwa l-attur odjern.

12. Qalet li għall-ewwel ġimgħa ta' Settembru 2011 kienet marret għand l-attur u huwa għaddielha kopja ta' "*Statement of account*" tal-ġid ta' zijuha.[3] Fuq dan id-dokument hemm dikjarat illi l-ġid ta' zijuha kellu valur ta' €193,959, u li wara li tnaqqsu l-ispejjeż - fl-ammont ta' €6,670[4] - kien fadal bilanċ ta' €187,289.66 "*to be divided between all the heirs.*" Tali dokument fih ukoll (f' forma ta' *spreadsheet*) elenku tal-werrieta kollha ta' Matteo Calleja, u ħdejn kull wieħed, il-valur tas-sehem li huwa kkalula li huwa dovut lilu jew lilha. Dakinhar stess l-attur għaddielha ċ-ċekk li huwa kien lestielha b'dak li huwa kkalkola li hu dovut lilha bħala sehem mill-wirt taz-ziju (li skont l-imsemmi *spreadsheet* l-ammont li messha kien ta' €11,705.60).

13. Francesca Saveria Mifsud spjegat illi kienet indunat li kien hemm żball matematiku. (Fil-fatt jekk wieħed jgħodd il-valuri tal-ishma tal-werrieta kif indikati fuq l-*istatement of account* jinduna li dawn iġibu l-ammont ta' €222,406.41 u mhux €187,289.66: cioe` hemm diskrepanza ta' €35,116.75). Qalet li pero` ma kinitx taf x' kellu z-ziju u allura ma kinitx taf jekk kellux iktar jew inqas mill-ammont indikat.

---

[1] Affidavit ta' Frances Mifsud fol 67-68.
[2] Testment ta' Matteo Calleja tal-14.08.2008, fol 46-47.
[3] Fol 15-19.
[4] Elenku ta' spejjeż, datat 30.08.2010, fol 20.

14. Xehdet li xi xahar wara ġiet infurmata li l-kuġin tagħha John Louis Calleja li joqgħod l-Awstralja (ukoll werriet tal-ġid ta' Matteo Calleja) kellu problemi biex isarraf iċ-ċekk stante li inħareġ bl-isem "John Calleja" u mhux "John Louis Calleja". Għalhekk hija kkomunikat man-nutar sabiex titolbu jirranġa tali ċekk. Xehdet li talbitu wkoll jagħtiha informazzjoni dwar x'ħalla zijuha, iżda qalet li weġibha bi kliem fis-sens illi "*li kelli ntik tajtulek".* Qalet li kuġinuha kien dam ma rċeva ċ-ċekk irranġat mingħand l-attur u li fil-frattemp kienet ċemplitlu xi tlieta jew erba' darbiet (bejn l-aħħar tas-sena 2011 u l-ewwel ftit xhur tas-sena 2012):

*"…kull darba biex infakkru biex jibgħat iċ-ċekk lill-kuġin tal-Awstralja. Ngħid ukoll li kull darba li kont inċempillu kont navżah ili kien hemm xi diskrepanza fil-flus li qassam peress illi l-ammont li kien ġie imqassam lilna kien aktar minn dak li kien hemm li suppost li kellu jitqassam skont l-istatement of account. Jiena għalhekk ukoll, ta' kull darba kont nistaqsi lin-Nutar jekk setax jgħidli x' kellu z-ziju u jgħaddili l-informazzjoni kollha fuqu għaliex kont bdejt naħseb li l-iżball seta' kien ukoll illi z-ziju kien kellu aktar assi li pero` ma ġewx inklużi fl-istatement."*

15. Xehdet pero` li kull darba kien jaqtagħlha fil-qasir u kien jgħidilha li dak li kellu jagħti lill-werrieta kien tahulhom. Qalet li f'dawk iż-żminijiet kienet tkellmet ma' ħutha kollha, ħlief għal Emanuel Calleja u:

*"ġbidtilhom l-attenzjoni li kien hemm diskrepanza f' dak li kien bagħtilna n-Nutar."*

16. Kompliet tgħid li għall-ħabta ta' nofs is-sena 2012 kienet reġgħet ċemplet lill-attur għall-aħħar darba biex jgħaddi ċ-ċekk lill-kuġin tal-Awstralja u reġgħet talbitu l-informazzjoni kollha li kienet talbitu, pero` qalet li kien "arroganti" magħha, qalilha li ma kellux ħin x'jitlef magħha u li kienet l-aktar mara stupida u injoranta li qatt kien iltaqa' magħha. Sussegwentement kuġinuha rċieva ċ-ċekk u hija:

*"qatt m'erġajt għamilt kuntatt man-Nutar….għaliex jiena kont ikkuntentajt b'dak li ħadt."*

17. Fit-3 ta' April 2017[5] xehdet in kontro-eżami. Qalet li xi xahar wara li kienet ħadet iċ-ċekk indunat li kien hemm diskrepanza, iżda lin-Nutar ma qaltlux biex jieħu l-€1,377.14 lura għaliex hija ma kinitx taf x' assi kellu zijuha u għalhekk ma kinitx taf jekk id-diskrepanza kinitx waħda favur

[5] Fol 69-70.

jew kontra. Sostniet li fiż-żmien li kienet qed tiġri wara n-nutar minħabba l-iżball fiċ-ċekk ta' kuġinuha, kienet qed tiġri warajh ukoll minħabba d-diskrepanza:

*"Fl-istess waqt kont qed niġri wara n-nutar minħabba diskrepanza li kien hemm. Jiena kont innutajt li kien hemm diskrepanza pero` ma stajtx nistabbilixxi jekk kinitx inqas jew aktar. …..Jiena ma nistax ngħid id-diskrepanza kinitx favur jew kontra għax ma nafx x' kellu z-ziju."*

18. Ri-eżaminata qalet li lill-attur kienet ġibditlu l-attenzjoni bil-fatt li l-werrieta kienu b'kollox ħadu aktar minn dak indikat fl-*istatement of account:*

*"Qed nirreferi għal dokument ….statement of account biċ-ċifri li hemm indikati u meta taħdem is-somma tal-werrieta vis-à-vis dawk iċ-ċifri li hemm hemmhekk jirriżulta li l-werrieta ħadu iktar. Jiena lin-nutar kont qed niġbidlu l-attenzjoni b'dan għax xtaqt inkun naf l-assi li kellu z-ziju. Jiena kont qed nistaqsi minħabba l-assi minħabba li f'moħħi kelli l-ħsieb li kellu iktar flus iz-ziju u għalhekk kont qed nipprova nistaqsi u nikseb l-informazzjoni."*

## *(b) Xiehda ta' Francesca Saveria Mifsud fil-kawża odjerna 514/2016/PM*

19. Fis-seduta tat-20 ta' Frar 2017[6] fil-kawża odjerna Francesca Saveria Mifsud xehdet illi meta ħadet iċ-ċekk u kopja tal-*istatement of account* tal-ġid ta' zijuha Matteo Calleja "*indunajt li fl-ammont li qassam kien hemm żball"*. Qalet li peress li ma kinitx taf x' kellu z-ziju ma setgħetx tiddetermina jekk l-ammont li ħadet kienx iktar jew inqas. Qalet li meta xahar wara ikkomunikat mal-attur fuq il-kwistjoni taċ-ċekk ta' kuġinuha tal-Awstralja, talbitu wkoll kopja tal-kontijiet bankarji li kellu z-ziju iżda qalet li huwa ma taha l-ebda sodisfazzjon u sa llum baqa' ma tahiex kopja ta' dak li kellu zijuha. Hija sostniet li f'din l-okkażjoni kienet infurmatu li kien hemm diskrepanzi:

*"Kien f' din l-okkażjoni li jiena ġbidt l-attenzjoni tan-Nutar li fil-fehma tiegħi kien hemm xi diskrepanzi … meta kkuntattajt lin-Nutar għat-tielet darba fir-rigward taċ-ċekk li kien dovut lill-kuġin tiegħi ngħid li n-Nutar offendieni u qalli li m'għandux ħin x'jitlef miegħi. Jiena lin-Nutar in vista ta' dan ma kkuntattjajtux iżjed pero` naf li ċ-ċekk kif korrett bagħtu lill-kuġin. In-Nutar kien talabni biex ma nindaħalx peress li hu kellu relazzjoni diretta mal-eżekutur u kwindi kien dan l-eżekutur li kellu x' jaqsam…..Ngħid li fl-istess żmien jiena kont ġbidt l-attenzjoni ta' dan l-iżball li jiena nnutajt anke lil ħuti pero` dawn kellhom jieħdu ħsieb huma stess sabiex jaraw l-affarijiet tagħhom."*

---

[6] Fol 10-12.

*(c) <u>Xiehda ta' Francesca Saveria Mifsud fil-kawża 515/2016/PA</u>*

20. Fis-seduta tal-5 ta' April 2017[7] fil-kawża fl-ismijiet *<u>Nutar Dr Joseph H Saydon vs John Lewis Calleja</u>* (Avviż Numru 515/2016/PA) Francesca Saveria Mifsud xehdet illi meta inqalgħet il-kwistjoni dwar l-isem ħażin fuq iċ-ċekk ta' kuġinuha hija tat titwila biex tara kif kien miktub ismu fuq l-*istatement of account* u ndunat li kien hemm diskrepanza:

> "…*rrealizzajt li t-tqassim ta' flus kien sar b' mod żbaljat. Minn dan id-dokument meta għamilt il-kalkoli skoprejt illi s-somma li effettivament qassam in-Nutar Saydon kienet ikbar mis-somma li kellu jqassam skont il-kalkolu li għamel wara li qies x'ħalla z-ziju u xi spejjeż kien ħareġ hu u kienu dovuti ta' dan ix-xogħol."*

21. Qalet li għalhekk meta kkomunikat man-nutar (minħabba ċ-ċekk ta' kuġinuha) talbitu rendikont ta' x'kien ħalla zijuha u hu weġibha li dak li kellu jagħti lill-werrieta tahulhom. Qalet li kull darba li kkomunikat miegħu (madwar erba' darbiet) dwar iċ-ċekk ta' kuġinuha kienet titolbu aktar tagħrif dwar x' ħalla zijuha u kien jgħidilha li dak li kellhom jieħdu ħaduh:

> "*F'dawn il-komunikazzjonijiet lin-Nutar ma għidtlu xejn dwar id-diskrepanza li kont skoprejt fid-dokument li kien għaddieli, l-istatement of account, pero` għidtlu li kien hemm diskrepanza. Kont qed nistenna li jkolli informazzjoni sħiħa fuq x'ħalla z-ziju. <u>Qed niġi mistoqsi mit-Tribunal jekk jien lin-Nutar għidtlux ċar u tond li kien ħareġ flus aktar milli kellu joħroġ u ngħid li le m'għidtlux preċiż dak id-diskors</u>, pero` għidtlu li kien hemm diskrepanza bejn l-ammont li kellu joħroġ u l-ammont li ħareġ."*

*<u>Il-konvenuta Giorgina Calleja Farrugia</u>*

22. Il-konvenuta odjerna fix-xiehda tagħha tal-20 ta' Frar 2017[8] ikkonfermat illi bħal oħtha Francesca Saveria Mifsud, meta l-attur kien taha ċ-ċekk bl-ammont spettanti lilha (€11,705.60)[9] kien taha ukoll kopja tal-*istatement of account* tal-ġid tad-defunt zijuha. Qalet li xi xahar wara kienet ċemplitilha oħtha (Francesca Saveria Mifsud) u qaltilha li kien hemm "xi taħwid" fil-wirt taz-ziju, u dan fis-sens li meta wieħed jgħodd l-ammont kollha tal-ishma tal-werrieta dawn jiġu aktar (minn dak indikat fl-

[7] Fol 71-73.
[8] Fol 13-14.
[9] Kopja taċ-ċekk relattiv, fol 27.

*istatement of account).* Qalet pero` li minkejja li kienet taf b' dan l-iżball qatt ma kkomunikat mal-attur:

*"Minkejja l-iżball li ġibdiltli l-attenzjoni għalih oħti, jiena qgħadt b'dak iċ-ċekk li kont ġbart mingħand in-nutar u wara li ġbart dak iċ-ċekk minkejja dak li kienet qaltli oħti jiena ma għamiltx kuntatt man-nutar u lanqas in-nutar ma għamel kuntatt miegħi."*

**Verzjoni tal-attur:**

*In-Nutar Joseph Saydon:*

23. L-attur in-Nutar Joseph Saydon, fl-affidavit tiegħu tas-17 ta' Novembru 2016[10] qal li kien fl-2015, madwar tliet snin wara li huwa qassam il-flus lill-werrieta ta' Matteo Calleja li wieħed mill-werrieta, Emanuel Calleja beda jallega li huwa għamel frodi kontrih bil-flus tal-mejjet, tant li rrapurtah lill-Kunsill Notarili. Qal li dan Emanuel Calleja anke bagħtlu *email* fir-rigward.[11] Huwa xehed illi:

"*Din kienet akkuża serja kontrija u vverifikajt jekk verament kienx hemm xi preġudizzju għal Emanuel Calleja…..Għalkemm jien kont konvint li qatt ma għamilt ebda frodi, qlajt id-dokumenti mill-arkivju tiegħi (peress li kien għadda ż-żmien) u vverifikajt il-provvedimenti tat-testment u r-rendikont u verament kien hemm żball li ma kontx indunajt bih.*

*Mill-verifiki li għamilt wara l-allegazzjoni ta' Emanuel Calleja, jien indunajt li mhux talli jien m'għamiltx frodi (ħaġa li dejjem kont konvint minnha) imma li kien sar żball fil-kalkoli tal-istima u li b'dan l-iżball lill-werrieta flok ħallasthom €187,289 b'kollox, ħallasthom indebitament €35,117 iżjed*."

24. Fix-xiehda tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2017[12] qal li Francesca Saveria qatt ma qaltlu li l-ammonti ħariġhom żbaljati u li kellmitu biss dwar l-iżball fl-isem (ta' kuġinuha John Louis Calleja).

*"….Frances Mifsud kull ma kellmitni kienet biss dwar l-iżball li hemm fir-rigward l-isem, ngħid ukoll illi qatt ħadd ma qalli li hemm żball fl-ammont indikat."*

25. Kontro-eżaminat enfasizza li Frances Mifsud ikkomunikat miegħu biss fuq l-isem:

---

[10] Fol 44-45.

[11] Email datat 23 ta' Lulju 2015, li fiha Emanuel Calleja jgħid lill-attur li "***aktar minn 4 xhur ilu***" kien ġibidlu l-attenzjoni li kien hemm xi żball fil-valuri tal-ishma, fol. 48.

[12] Fol 36-38.

*"…fl-ebda mument qatt ma tqanqlet il-kwistjoni tal-ammont….Il-kwistjoni kienet limitata dejjem għall-isem tal-persuna li kellu jsir il-ħlas favur tiegħu biss. Qed niġi mistoqsi jekk Frances Mifsud qattx qajmet kwistjoni dwar il-valur globali tal-eredita` ….ngħid li qatt ma kien hemm dawn it-tip ta' mistoqsijiet, l-unika kwistjoni kienet biss dik rigwardanti l-isem…"*

26. Qal li kien sussegwentement meta Emanuel Calleja kien allega li kien ħallsu xi €5,000 inqas milli suppost, li huwa għamel il-verifiki. Qal li huwa reġa' ħadem il-każ kollu mill-bidu u kien b'hekk li huwa ddetermina li kien hemm żball matematiku konsistenti f'diskrepanza ta' iktar minn €30,000 kontrih (kontra l-attur). Qal li ħadem il-każ darbtejn: kemm manwalment u kif ukoll permezz tal-kompjuter u r-riżultati kienu l-istess. Enfasizza li huwa ddetermina tali żball wara l-intervent ta' Emanuel Calleja, avolja ibbaża ruħu fuq l-istess informazzjoni li kellu qabel.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

27. Din il-qorti hi tal-fehma li hi iktar kredibbli l-verżjoni tal-attur minn dik ta' Francesca Saveria Mifsud. Ix-xiehda tagħha fiha diversi inkonsistenzi partikolarment in kwantu daqqa tgħid li lill-attur qaltlu li s-somma li rcevew il-werrieta hi iktar minn dak dikjarat fl-i*statement* li agħmel in-nutar, u daqqa tgħid li qaltlu biss li kien hemm diskrepanza. Nuqqas ta' konsistenza li din il-qorti diga' kellha l-opportunita' li ssemmi fis-sentenza **Nutar Dr Joseph H. Saydon vs John Lewis Calleja** tat-23 ta' April, 2018.

28. L-attur jiċħad katergorikament li l-konvenuta qatt semmietlu li kien hemm xi diskrepanza fl-ammonti.

29. Abbażi tal-fatt illi Francesca Saveria Mifsud stess ammettiet li ma kinitx taf jekk id-diskrepanza tirriflettix żball li kien favur jew kontra l-werrieta, din il-qorti tqies iktar kredibbli li kull darba li kienet tikkomunika mal-attur dwar l-iżball li jikkonċerna li kuġinuha, l-iktar li qaltlu kien biex jagħtiha tagħrif dwar il-ġid li ħalla zijuha.

30. Inoltre, probabbilment li kieku qalet lill-attur illi somma li qassam kienet iktar mill-flus li kien hemm biex jitqassmu bejn il-werrieta jew qaltlu biss li kien hemm diskrepanza, l-attur kien minnufih jivverifika biex jaccerta ruhu li ma qassamx iktar flus milli kien hemm fil-patrimonju tal-mejjet.

31. Lanqas il-konvenuta ma kkonfermat li Frances Mifsud kienet qaltilha li l-attur kien ħallas iktar flus milli kien hemm xi tqassam;

> *"Xi xahar wara li jiena kont irċevejt dan iċ-ċekk kienet cemplitli oħti u kienet qaltli li kien hemm* ***xi taħwid*** *fir-rigward tal-wirt taz-ziju".*[13]

Kien biss iktar 'il quddiem waqt id-deposizzjoni li qalet li oħtha qaltilha li kien hemm żball. Hawn ukoll il-qorti ssib nuqqas ta' konsistenza tal-konvenuta. L-ewwel qalet li oħtha qaltilha li hemm *"**xi taħwid** fir-rigward tal-wirt taz-ziju"*, u iktar quddiem semmiet żball. Ladarba ma kinitx konsistenti f'materja bħal dik, m'għandhiex tippretendi li titwemmen.

32. Hija aktar attendibbli l-verżjoni tal-attur li huwa skopra l-iżball fl-2015 meta sussegwentement għall-allegazzjoni ta' Emanuel Calleja li kien hemm xi żball kontra l-werrieta, l-attur għamel il-verifiki u skoprew li kien qassam iktar flus milli kien hemm fil-wirt.

33. Din il-qorti għalhekk taqbel mal-konklużjoni tat-Tribunal illi l-attur induna bl-iżball fl-2015 u mhux fl-2011. Il-qorti tfakkar li bhala qorti ta' revizjoni mhijiex sert tiddisturba l-apprezzament tal-provi li jkun sar mit-Tribunal sakemm mhux ghal ragunijiet gravi li jwassluha tikkonkludi li t-Tribunal kellu jiddeciedi favur il-konvenuta. Cirkostanza li mhemmx f'dan il-kaz.

34. L-Artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili (eċċepit mill-konvenuta) jistipula s-segwenti:

> *"L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqgħet bil-preskrizzjoni bis-saħħa tad-disposizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn <u>minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball</u>."*

[13] Seduta tal-20 ta' Frar, 2017.

35. B'referenza għall-argument li tagħmel il-konvenuta fl-appell tagħha, jiġi enfasizzat illi dan l-artikolu tal-liġi ma jgħidx *"minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni* ***seta' jikxef*** *l-iżball"* iżda *"minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni* ***jikxef*** *l-iżball."*

36. Ladarba din il-qorti qegħda tqis illi l-iżball inkixef mill-attur fl-2015, it-terminu ta' preskrizzjoni skont l-Artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili (sentejn) beda jiddekorri minn tali żmien. L-attur interpella lill-konvenuta għall-ħlas tal-ammont li ħallasha bi żball permezz ta' ittra uffiċċjali datata 6 ta' Jannar 2016[14], u intavola l-kawża odjerna fil-11 ta' Novembru 2016. Għaldaqstant ċertament li ma treġix l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta.

**Konklużjoni.**

**Għal dawn il-motivi din il-qorti tiċħad l-appell interpost mill-konvenuta u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.

[14] notifikata lill-konvenuta fid-9 ta' Jannar 2016.